# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 16**

**Rikors maħluf numru 1335/2010 MCH**

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq**

***v.***

**Christopher Testaferrata Moroni Viani, Martin Testaferrata Moroni Viani, Peter Paul Testa-ferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani, u Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani mart Gerald Zammit; u Caren mart Josef Preziosi u Anna Maria mart John Spiteri Debono għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Dan huwa appell tal-attriċi Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq u appell ieħor tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju 2012 dwar jekk xi beni immobbli jintlaqtux b'legat imħolli favur il-konvenuti

Testaferrata Moroni Viani mill-awtriċi tal-attriċi u tal-konvenuti Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Beatrice Testaferrata Moroni Viani ["it-Testatriċi"] bit-testment tagħha tas-6 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Hugh Grima, wara li ħatret lill-attriċi u lill-konvenuti Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono bħala werrieta tagħha, ħalliet ukoll dawn il-legati:

> »Article Two
>
> »The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy unto her nephews Christopher and Martin brothers Testaferrata Moroni Viani sons of the testatrix's brother Salvino and Monika *von* Ammerman residing at Balzan and Sliema respectively and this in equal portions between them, said legacy to be operable immediately following the testatrix's death and in full and absolute ownership one third (⅓) of her one eighth ($^{1}/_{8}$) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eighths ($^{5}/_{8}$) share by his son Salvino, one eighth ($^{1}/_{8}$) by Maria Testaferrata Bonici one eighth ($^{1}/_{8}$) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth ($^{1}/_{8}$) by the testatrix. The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eighth ($^{1}/_{8}$) undivided share in the house known as *Palazzo Testaferrata* situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said primogenitures;
>
> »Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax if any, in the fulfillment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy.
>
> »Article Three
>
> »The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy and in full and absolute ownership to her nephews and niece namely Peter Paul, Caroline, wife of Gerald Zammit and Paul Stephen all brothers and sister Testaferrata Moroni Viani children of the testatrix's brother the late Mario Testaferrata Moroni Viani and Jane *nee* Borg residing respectively at San Pawl tat-Tarġa, Ta' Xbiex and San Pawl tat-Tarġa and this in equal portions between them, one sixth ($^{1}/_{6}$) of her one eighth ($^{1}/_{8}$) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eighths ($^{5}/_{8}$) share by his son Salvino, one eighth ($^{1}/_{8}$) by Maria Testaferrata Bonici a further one eighth ($^{1}/_{8}$) by Mario Testaferrata Moroni Viani and the remaining one eighth ($^{1}/_{8}$) by the testatrix. The testatrix orders and ordains that any expenses including duty on documents, capital gains or final withholding tax if

any, in the fulfillment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy.«

3. Il-konvenuti Testaferrata Moroni Viani jgħidu illi fil-primoġenitura msemmija fil-legati hemm ukoll żewġ immobbli: i. l-utli dominju perpetwu tal-fond jismu *Bendigo*, f'Ta' Xbiex ["*Bendigo*"], u ii. sehem maqsum mill-art magħrufa *tal-Blata l-Għolja* fil-Mosta ["l-Art tal-Mosta"]. L-attriċi ma taqbilx ma' dan u tgħid, minflok, illi dawk l-immobbli ma jintlaqtux mil-legat u jmissu lill-werrieta. Għalhekk fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

»… tiddikjara li l-legati fuq imsemmija … ma jinkludux l-immobili [*Bendigo*] u [l-Art tal-Mosta] … minħabba li l-istess proprjetajiet ma jifformaw parti minn l-ebda primoġenitura u għallhekk ma humiex inklużi fl-istess legati.«

4. Il-konvenuti Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono ma opponewx għat-talbiet. Il-konvenuti Testaferrata Moroni Viani wieġbu hekk:

»1. Eċċezzjoni preliminari: vessatorjetà tal-proċeduri

»Fatti dwar din l-eċċezzjoni:

»1.1. Illi preżentament hemm pendenti quddiem din l-onorabbli qorti kif diversament presjeduta proċeduri bejn l-istess partijiet u oħrajn, fl-ismijiet <u>[Salvino Testaferrata Moroni Viani *et v* Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi sive Gera de Petri Testaferrata *et*]</u> (378/2010 FS), liema proċeduri jkopru l-mertu tat-talbiet li qed isiru fil-kawża odjerna;

»1.2. Illi difatti, fil-proċeduri 378/2010 FS, l-atturi f'dik il-kawża qegħdin *inter alia* jitolbu lill-onorabbli qorti (i) tiddetermina u tidentifika l-proprjetajiet kollha li fihom il-partijiet huma komproprjetarji liema proprjetajiet huma deskritti f'rapport tal-Perit AIĊ Godwin Abela tat-30 ta' Settembru 2009; (ii) tiddetermina s-sehem ta' kull komproprjetarju; (iii) tiddikjara illi Peter Paul, Paul Stephen u Caroline għandhom sehem ġej minn legat mingħand Beatrice Testaferrata Moroni Viani u tordna lill-intimati jimmettu lill-esponenti fil-pussess tal-legati msemmija; u (iv) tordna d-diviżjoni bejn il-partijiet;

»1.3. Illi mill-premessi ta' dik il-kawża jirrizulta ċar illi l-proprjetajiet li għalihom qed issir referenza fir-rikors ġuramentat odjern, u ċjoè [*Bendigo*], u [l-Art tal-Mosta], huma mertu tal-kawża preċedenti u li t-talbiet li qed isiru fil-proċeduri odjerni ser jiġu deċiżi fil-proċeduri pendenti 378/2010 FS;

»1.4. Illi fid-dawl ta' dan, il-proċeduri odjerni huma kjarament inutili, frivoli u vessatorji u intiżi biss sabiex jissabotaġġaw proċeduralment il-progress tal-proċeduri ġà pendenti quddiem din il-qorti kif diversament presjeduta;

»1.5. Għalhekk it-talbiet tal-atturi f'din il-kawża bir-rispett lanqas biss jistħoqqilhom illi jiġu ikkunsidrati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;

»2. Eċċezzjoni: *lis alibi pendens*, *ai termini* tal-artiklu 792 tal-Kap. 12

»Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din il-kawża għandha tintbagħat quddiem din il-qorti kif diversament presjeduta li qed titratta;

»Fatti dwar din l-eċċezzjoni:

»2.1. Kif ġie spjegat, preżentament hemm kawża bl-istess oġġett pendenti quddiem din il-qorti kif diversament presjeduta (378/2010FS);

»2.2. Illi għalhekk, subordinatement u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi din il-qorti tħoss illi t-talbiet tar-rikorrenti jist-ħoqqilhom illi jiġu ikkunsidrati, din il-kawża għandha tintbagħat quddiem il-qorti kif diversament presjeduta, li qed titratta l-każ 378/2010 FS, *ai termini* tal-artiklu 792 tal-Kap. 12;

»3. Mertu: Fil-mertu, l-esponenti jiċħdu kategorikament il-pretensjonijiet tal-atturi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

»3.1. Illi l-esponenti jtennu illi l-legati mħollija lill-esponenti jinkludu l-immobbli mertu ta' dan il-kawża, liema immobbli huma provenjenti mill-Primoġenituri Testaferrata.«

5. L-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet, ċaħdet ukoll it-talba tal-atturi dwar *Bendigo* u laqgħetha dwar l-Art tal-Mosta wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

»Il-kwistjoni li qamet bejn il-kontendenti tirrigwarda żewġ proprjetajiet partikolari *cioè a*. [*Bendigo*] u b. [l-Art tal-Mosta].

»L-attriċi qed tikkontendi illi dawn iż-żewġ proprjetajiet ma jifformawx parti mill-primoġenitura msemmija fil-laxxitu fit-testment ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani filwaqt illi l-konvenuti qed jikkontendu li jifformaw parti mill-primoġenitura.

»Eċċezzjoni ta' vessatorjetà ta' din il-proċedura

»Il-konvenuti Testaferrata Moroni Viani ressqu din l-eċċezzjoni peress li hemm kawża quddiem din l-istess qorti diversament presjeduta bejn l-istess partijiet u oħrajn li għandha l-istess mertu billi qed jintalab *inter alia* l-identifikazzjoni tal-proprjetà komuni u s-sehem ta' kull wieħed u l-qasma tal-istess proprjetà skond l-ishma.

»Din il-qorti ma tqisx din il-kawża vessatorja għaliex din il-kawża qed issir mhux bl-iskop li jiġi identifikat la l-proprjetà in komun u lanqas is-sehem iżda jekk xi proprjetajiet jifformawx parti minn legati mħollija minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani fil-konfront tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani biex darba deċiż dan il-punt, jista' jiġi

individat is-sehem tal-istess legatarju f'din il-proprjetà fil-kawża tad-diviżjoni jew *invece* li l-proprjetajiet ma jifformawx parti mill-legat.

»Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

»Eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*

»L-istess konvenuti iddjaraw fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 li l-mertu ta' din l-eċċezzjoni ġie eżawrit b'digriet fil-kawża tad-diviżjoni numru 378/2010 FS.

»Mertu

»Irid jiġi relevat u puntwalizzat sabiex ma jkun hemm ebda dubbju f'din il-vertenza illi l-iskop ta' din il-kawża mhux qiegħed sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx primoġenitura jew le. Din il-qorti kienet uriet id-dubbju tagħha lill-partijiet dwar jekk it-talba attriċi kinitx tikkomprendi wkoll dikjarazzjoni jekk teżistix il-primoġenitura *o meno* qabel issir indaġini jekk il-legati m'ħollija minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani kinux jew għadhomx jifformaw parti minn din il-primoġenitura jekk teżisti. B'nota spjegattiva l-atturi kienu ddikjaraw illi fit-talba attriċi ma kinitx qed tintalab jekk teżistix il-primoġenitura billi dan kien ser jiġi diskuss *se mai* fil-kawża ta' diviżjoni quddiem din il-qorti diversament presjeduta. L-attriċi ppremettiet illi *dato non concesso* li teżisti primoġenitura, [il-mertu tal-kawża huwa] jekk il-legat ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani kienx jifforma jew għadux jifforma parti mill-istess primoġenitura fil-mument tal-mewt tagħha.

»Din il-qorti għalhekk mhi qiegħda bl-ebda mod tippronunzja ruħha fuq l-eżistenza tal-primoġenitura iżda qiegħda għall-finijiet tat-talba attriċi tqisha ipotetikament li kien hemm primoġenitura kif qed jallegaw il-konvenuti li fil-fatt teżisti.

»Hi l-kontenzjoni tal-konvenuti illi kienet teżisti primoġenitura li ġiet kostitwita minn Paolo u Beatrice konjuġi Testaferrata Moroni Viani b'att tan-Nutar Benedetto Vassallo tas-17 ta' Marzu 1714. L-aħħar titolari ta' din il-primoġenitura kien il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. Il-primoġenitura ġiet abolita bl-Att XII tal-1950 illum Kap. 130 fejn allura skond il-liġi l-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani baqa' proprjetarju ta' nofs indiviż tal-proprjetajiet li kienu jifformaw parti mill-primoġenitura u n-nofs indiviż l-ieħor ġie jappartjeni b'titolu ta' proprjetà lil ibnu Salvino Testaferrata Moroni Viani u dan skond artikolu 3(*a*) tal-Kapitolu 130 tal-Liġijiet ta' Malta, soġġett għall-użufrutt *durante vita* tal-possessur tal-ġid *cioè* l-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani.

»Il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani miet intestat fit-18 ta' Marzu 1954. Il-ġid tiegħu għalhekk iddevolva fuq l-erba' wliedu *cioè* Salvino, Mario, Maria u Beatrice. Kwindi Salvino kellu $^{5}/_{8}$ (billi skond il-Kap. 130 kien proprjetarju ta' nofs indiviż), Maria $^{1}/_{8}$, Mario $^{1}/_{8}$ u Beatriċe $^{1}/_{8}$ sehem indiviż tal-proprjetà kollha formanti parti mill-primoġenitura, fosthom sa dak iż-żmien l-imsemmija proprjetajiet mertu ta' din il-vertenza.

»Maria armla ta' Lino Testaferrata Bonici mietet fil-1999 u skond l-aħħar testment tagħha wirtuha Agnes mart Alfred Gera de Petri, Carmen Mart Joseph Preziosi u Anna Maria mart John Spiteri Debono.

»Mario Testaferrata Moroni Viani miet fl-2007 u skond it-testment tiegħu wirtuh uliedu Peter Paul, Paul Stephen u Caroline mart Gerald Zammit.

»Beatrice mietet xebba u l-wirt tagħha iddevolva kif jirriżulta mit-testment preċitat.

»Għal kompletezza l-qorti tippreċiża illi l-legatarji Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani huma ulied Salvino.

»Din il-harsa lejn l-ishma hi waħda spjegattiva biss dwar kif dawn il-persuni skond il-konvenuti għandhom interess ġuridiku fil-mertu u s-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-qorti tqis li din l-ispjegazzjoni hi neċessarja biex jiġu individwati aħjar il-persuni li ser jissemmew aktar ’il quddiem f’din is-sentenza.

»Il-kwistjoni kif fuq ġie indikat fil-qosor hi dwar żewġ proprjetajiet partikolari li dwarhom saru xi żviluppi ta’ natura fattwali u legali tul iż-żmien u jekk minħabba dawn it-tibdiliet dawn il-proprjetajiet jistgħux jiġu meqjusa bħala proprjetà li tagħmel parti mill-primoġenitura jew le.

»Il-klawsoli testamentarji in kwistjoni ma jagħtux ħjiel ċar ta’ dak kompriż fil-primoġenitura. Il-kliem użat mit-testatriċi hu ġeneriku fis-sens li l-legat jikkomprendi l-primoġenitura Testaferrata Moroni Viani *cioè* dawk preċedentement miżmuma minn missierha Pietro Paolo.

»Qabel xejn din il-qorti hi konvinta illi l-proprjetajiet mertu tal-vertenza kienu miżmuma minn missierha [*viz.* missier it-testatriċi] Pietro Paolo sal-mument tal-mewt tiegħu fl-1954 *in virtù* tal-primoġenitura naxxenti mill-Att tal-1714 preċitat. Uliedu Maria, Beatrice u Salvino u Mario f’*affidavits* li għamlu kollha jikkonfermaw li l-art tal-Mosta kienet tifforma parti mill-primoġenitura u in kwantu għall-art ta’ Ta’ Xbiex [*Bendigo*] id-dokumenti eżebiti mill-konvenuti juru li din ukoll kienet tifforma parti mill-primoġenitura kif ser jiġi spjegat aktar ’il quddiem, għalkemm fl-1950 bl-abolizzjoni tal-liġi tal-primoġenitura hu kien baqa’ sid ta’ nofs indiviż tal-istess proprjetajiet u użufruttwarju tul ħajtu għan-nofs indiviż l-ieħor. Il-qorti għalhekk trid tara jekk mal-mewt ta’ Pietro Paolo jistax jitqies li l-proprjetajiet imħollija bil-legat ta’ Beatrice Testaferrata Moroni Viani baqgħux, *qua lasciti*, jaqgħu taħt il-kappa tal-primoġenitura.

»Il-proprjeta *Bendigo …*

»Skond Martin Testaferrata Moroni Viani l-provenjenza ta’ dan il-fond hi s-segwenti. Il-qorti ser tistrieħ fuq provi dokumentarji u mhux opinjonijiet oħra pendenti għal prova tal-primoġenitura li mhux l-iskop ta’ din il-kawża:

> »“Dan il-fond jinsab mibni fuq biċċa art oriġinarjament konċessa minn Baruni Pietro Paolo lil ċertu Eduardo De Marco in atti Nutar Giovanni Chapelle tad-29 ta’ Settembru 1926. Kif jirriżulta anki mill-istess att ta’ konċessjoni, din l-art kienet tifforma parti diviża mit-Territorju *Ta’ Xbiex* li dak iż-żmien kien soġġett għall-primoġenitura (*fedecommesso primogeniale*) ordnat mill-Baruni Paolo u l-Barunessa Beatrice Testaferrata in atti Nutar Benedetto Vassallo tas-sebgħa ta’ Marzu sena elf seba’ mija u erbatax (7/3/1714). Jirriżulta mill-istess att li l-primoġenitura relativa tat fakoltà lill-pussessur li jikkonċedi in enfitewsi dawk il-beni assoġġettati għall-istess att ta’ 1714. Il-biċċa art hekk konċessa

> minn nannuwi kien bil-kejl ta' 120 qasab kwadri (illum pari għal ħames mija sebgħa u għoxrin metru kwadru (527mk)).
>
> »"Din il-konċessjoni ġiet iskritta fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 2628/1926.
>
> »"L-imsemmi De Marco bigħ parti mill-utile dominju hekk konċessa lil ċertu Giorgio Micallef u Giovanni Bezzina, u preċiżament 84 qasab kwadri. Dan jirriżulta wkoll mill-att relativ ta' rikonoxximent datat ħamsa ta' Ġunju elf disa' mija tlieta u tletin (5/6/1933) magħmul in atti tal-istess Nutar Giovanni Chapelle.
>
> »"L-imsemmija Micallef u Bezzina *di loro volta* bigħu l-istess utile dominju lil ċerti Antonio *del fu* Agostino Cassar Torregiani u John *del fu* Carmelo Cassar Torregiani. Jidher li sa dak iż-żmien laħqu saru xi benefikati fuq l-art hekk miżmuma in enfitewsi billi l-att relativ ta' rikonoxximent datat sbatax ta' Jannar elf disa' mija ħamsa u tletin (17/1/1935) magħmul in atti Nutar Rosario Frendo Randon jiddeskrivi erbat (4) idjar mibnijin fuq l-imsemmi sit ta' 84 qasab kwadri. Dawn id-djar kien jisimhom *Ballarat*, *Barnabool*, *Bendigo* u *Balanald*.
>
> »"Cassar Torregiani għamlu kuntratt ta' tpartit bejniethom u b'hekk l-istess John (jew Giovanni) Cassar Torregiani ġie fil-pussess tal-intier tal-utili dominju perpetwu tal-imsemmija erbat idjar, inkluż s'intendi d-dar in kwistjoni *Bendigo*. Dan kollu jirriżulta mill-att relativ ta' permuta u kontestwali rikonoxximent datat 7/2/1935 magħmul in atti Nutar Rosario Frendo Randon."

»*Dato non concesso* illi ċ-ċens għalhekk kien qed jiġi riċevut minn Pietro Paolo Moroni Viani skond il-liġi tal-primoġenitura bid-drittijiet li tħallew wara l-abolizzjoni tal-primoġenitura fl-1950 jikkonsegwi illi, wara l-mewt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, iċ-ċens baqa' jiġi riċevut skond il-kwoti rispettivi msemmija aktar lura f'din is-sentenza minn ulied Pietro Paolo fil-kwoti mħollija lilhom skond il-liġi. Madankollu fl-1959, meta ċertu Carmelo Zammit xtara l-utile dominju tal-villa mingħand *Cassar Estates*, l-aħwa Testaferrata Moroni Viani invokaw id-dritt legali skond il-liġi viġenti f'dak iż-żmien li kellhom ta' rkupru bħala direttarji u permezz ta' ċedola datata 27 ta' Ġunju 1959 irkupraw l-imsemmija villa billi ħallsu l-prezz tal-assenjazzjoni skond il-kwoti indikati li kellhom u li allura ġew għandhom wara l-mewt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. F'dak il-mument, biċ-ċedola ta' rkupru u bl-iskrizzjoni tal-konsolidazzjoni tal-proprjetà fir-Reġistru Pubbliku sar ħaġa waħda l-utile dominju mad-dirett dominju ġà appartenenti lil aħwa Testaferrata Moroni Viani fosthom Beatrice.

»Hu minnu illi *dato non concesso* din il-villa u l-konċessjoni tagħha ta' utile dominju perpetwu kienu fiż-żmien jifformaw parti, *qua* art, bħala parti mill-primoġenitura li niżlet b'wirtijiet suċċessivi sa Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, l-aħħar wiehed li gawda mid-drittijiet tal-primoġenitura. Hu minnu wkoll illi sakemm kien jirrigwarda biss id-dirett dominju wara l-mewt ta' Pietro Paolo, bintu Beatrice kellha sehem indiviż mid-dirett dominju li ġie għandha minħabba l-primo-ġenitura ta' missierha. Il-kweżit li jrid jiġi mistħarreg kien jekk il-konsolidazzjoni tad-dirett dominju mal-utili dominju li sar b'irkupru fl-1959 jistax jitqies bħala parti intrinsiku minn dik il-primoġenitura jew kienx akkwist għal rasu, u barra mill-primoġenitura, u allura mhux kopert bil-legat ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani.

»Il-qorti tqis li r-risposta tinsab fin-natura tal-istitut ta' rkupru llum abolit ħlief għall-irkupru bi ftehim u rkupru suċċessorju, u jekk irkupru jikkostitwix akkwist ġdid. Fil-fehma tal-qorti l-irkupru mhux akkwist ġdid iżda hu preferenza favur it-titolari ta' dritt li f'ċerti ċirkostanzi u *in virtù* ta' titolu ġà viġenti fil-mument li jkun ġie konċess parti ta' jew id-dritt innifsu lil terzi, li t-titolar jerġa' jieħdu lura. Kull ma jkun seħħ bl-irkupru hu t-teħid lura ta' dak id-dritt li t-titular ikun ikkonċeda bil-kondizzjoni (f'dan il-każ legali) li dan id-dritt jerġa' jirkuprah. L-irkupru ma jsirx a bażi ta' xi dritt ġdid fil-mument tal-irkupru iżda a bażi ta' dritt li kien viġenti fiż-żmien li ġie konċess. Għalhekk ma jistax jitqies li l-irkupru li sar minn ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kien xi akkwist ġdid ta' dak li kien ġà tagħhom permezz u *tramite* l-primoġenitura dejjem jekk teżisti iżda biss il-konsolidazzjoni tad-dritt sħiħ tal-proprjetà, dritt li insorġa u nżamm ħaj meta saret il-konċessjoni tal-utile dominju naxxenti mid-dritt ta' proprjetà fuq l-art f'Ta' Xbiex provenjenti mill-primoġenitura. Tant hu hekk illi f'każijiet fejn konsorti tkun ikkonċediet dritt ta' utile dominju soġġett għall-irkupru qabel iż-żwieġ, din il-proprjetà tibqa' parafernali meta jiġi rkuprat anki jekk l-irkupru jsir fiż-żwieġ. Kif qalet il-qorti fil-kawża <u>Michele Mizzi *et v.* Giuseppa Pullicino</u>, 28/12/1936, Vol. XXIX II 1173:

> »"Izda għalkemm dak il-mezzanin inkiseb ma' tul iż-żwieġ, b'daqshekk ma waqax fix-xirka tal-ksib, għax kif bosta drabi ġie maqtugħ minn din il-qorti, l-immobbli rkuprat mill-miżżewġin matul iż-żwieġ ma jaqax fix-xirka u ma jgħoddx ksib tax-xirka iżda jibqa' ta' min ikun irkuprah, għax il-ksib ikun sar bis-saħħa ta' titolu mnissel qabel iż-żwieġ."

»Din is-sentenza u oħrajn fuq l-istess mertu jikkonfermaw l-istess. Hekk seħħ f'dan il-każ. L-irkupru sar in forza ta' dak ġà appartenenti lil ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li ġie għandhom in forza tal-primoġenitura li l-istess Pietro Paolo kien igawdi fuq din il-proprjetà. Kwindi hi l-fehma ta' din il-qorti illi dan il-fond jaqa' f'dak li riedet it-testatriċi fil-legat imħolli fil-paragrafi 2 u 3 tat-testment tagħha.

»[L-Art tal-Mosta]

»Qed jiġi konċess għal finijiet ta' din il-kawża li din l-art kienet tifforma parti mill-primoġenitura ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani għalkemm din il-qorti mhix mitluba tindaga u tiddeċiedi dwar jekk teżistix primoġenitura.

»Jirrizulta illi fit-18 ta' Ġunju 1985 b'riżoluzzjoni fil-Parlament din l-art ta' estensjoni ta' 68,065 metri kwadri ttieħdet mill-gvern u dan in forza tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, Att I tal-1983 però fl-1995 parti minn din l-art *cioè* 19,974 metri kwadri reġgħet ġiet ritornata lil ulied Pietro Paolo *cioè* Salvino, Beatrice, Maria u Mario b'titolu ta' tpartit.

»Dan il-kuntratt igħid illi b'riżoluzzjoni tal-Parlament tat-8 ta' Lulju 1992 l-artijiet li ma ġewx utilizzati għal skop pubbliku kellhom jiġu ritornati lis-sidien b'titolu ta' tpartit. Dan it-tpartit sar billi l-gvern ittrasferixxa lura l-art in kwistjoni valutata għal finijiet tal-kuntratt (Lm5,593) u s-sidien *cioè* l-aħwa Testaferrata Moroni Viani ittrasferew lill-gvern il-jedd għal kumpens relattiv għall-istess art, liberu u frank minn kull dritt għal interessi jew danni li jistgħu jkunu dovuti, valutat dan kollu għal finijiet tal-kuntratt Lm5,593.

»Il-qorti tirrileva illi l-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini tispeċifika fl-artikolu 3 u 5 tal-imsemmi Att illi darba li l-Parlament japprova li l-art in kwistjoni hi art li taqa' taħt il-liġi, allura dik l-art issir, kif fil-fatt saret, proprjetà tal-Gvern ta' Malta. L-artikolu 3 fil-partijiet relevanti tiegħu jgħid hekk:

> »"**3.** (1) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jiddikjara kull art f'Malta biex tkun Area għall-Iżvilupp tal-Bini u għandu jiddeskrivi dik l-area b'dak il-mod li jidhirlu xieraq.
>
> »"(5) Meta xi art tkun ġiet dikjarata bħala Area għall-Iżvilupp tal-bini kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u l-Ministru jkun ipprepara Proġett skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u l-proċedura stabbilita fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu tkun ġiet segwita u ż-żmien hemm imsemmi jkun għadda, il-Ministru għandu jieħu ħsieb li d-dikjarazzjoni titqiegħed quddiem il-Kamra biex tiġi kunsidrata minnha.
>
> »"(6) Il-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tadotta jew tiċħad dik id-dikjarazzjoni jew tista' tapprova dik id-dikjarazzjoni b'kull modifika li jidhrilha xieraq li tagħmel.

»L-artikolu 5 imbagħad igħid hekk:

> »"**5.** (1) Salv id-dispozizzjoni tal-artikoli 7 u 8 ta' dan l-Att, b'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, l-art kollha li tkun f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini għandha, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità oħra meħtieġa b'liġi, titqies għall-finijiet u effetti kollha ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, li hi art akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjetà assoluta, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ taħt id-dispozizzjonijiet kollha tal-Ordinanza, u ma' dan, dawk id-dispożizzjonijiet kollha tal-Ordinanza li m'humiex inkompatibbli ma' dan l-istess kondizzjonijiet daqslikieku l-art ġiet akkwsitata għal skop pubbliku b'xiri assolut taħt l-Ordinanza."

»L-artikolu 7 u 8 imsemmija fl-artikolu 5 ma humiex relevanti għal finijiet ta' dak kunsidrat f'din il-pendenza. L-Ordinanza li l-artikolu 5 jitkellem dwarha hi l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi Kap. 136.

»L-unika formalità imposta mill-Att I tal-1983 hu li l-Kummissarju tal-Artijiet jirreġistra l-art fir-Reġistru tal-Artijiet skond l-Att tal-1981.

»Infatti ma jirriżultax li dan it-trasferiment favur il-Gvern ta' Malta ġie reġistrat fl-Insinwa.

»Bl-istess mod però tispjega ruħha s-soluzzjoni legali sabiex sar il-kuntratt ta' radd lura ta' parti mill-art, *cioè* dik in kwistjoni, lura lis-sidien. Billi l-art kienet effettivament proprjetà tal-Gvern ta' Malta u peress li l-gvern ma kellux utilità pubblika għaliha, kellu jinstab mod ta' radd lura lis-sidien mingħajr ma jsir ebda trasferimenti ta' flus a rigward u dan peress li almenu safejn jirriżulta lil din il-qorti l-gvern ma kien għadu ta ebda kumpens fuq din l-art lill-eredi ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. Il-mod li nstab kien riżoluzzjoni tal-Parlament u konsegwentement kuntratt ta' tpartit fejn l-art reġgħet traddet lura lis-sidien b'korrispettiv ma' drittijiet ta' kumpens li kellhom favur tagħhom is-sidien *verso* l-Gvern ta' Malta. Fil-fatt ma tħallset ebda somma lill-gvern ta' dan it-trasferiment.

»Dan il-mod ta' radd lura tal-art inbidel fiż-żmien. Fil-fatt wara dan il-kuntratt aktar 'il quddiem fiż-żmien l-istess aħwa Testaferrata Moroni Viani reġgħu ħadu lura biċċa art oħra mill-istess art meħuda mill-gvern fit-18 ta' Ġunju 1985 u dan mingħajr il-bżonn ta' ebda kuntratt iżda biss permezz tas-saħħa ta' Avviż Legali, f'dan il-kaz 85/2003 magħmul bis-saħħa tal-Att XVII tal-2001 fejn il-gvern ingħata s-setgħa li jirritorna art li ttieħdet taħt l-Att I tal-1983 mingħajr il-bżonn li jsir xi kuntratt ta' radd lura. Sinjifikanti l-kliem tal-istess A.L. 85/2003 fejn l-istess liġi għamlitha ċara li r-radd lura bis-saħħa ta' dan l-Avviż Legali jsir qisu l-akkwist li sar mill-gvern fit-18 ta' Ġunju 1985 jitqies li qatt ma seħħ.

»Kieku din kienet il-posizzjoni fil-każ in kwistjoni din il-qorti ma kien ikollha ebda esitazzjoni li tgħid li l-art baqgħet proprjetà ta' ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani provenjenti mill-primoġenitura u kwindi formanti parti mil-legat imħolli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani.

»Iżda t-teħid u r-radd lura tal-art mertu ta' din il-kawża ma sarx b'dan il-mod. Il-gvern akkwista, b'titolu naxxenti direttament minn liġi, l-art in kwistjoni formanti parti minn art akbar fl-1985. F'dak il-mument jitqies li l-proprjetà ma baqgħetx tal-aħwa Testaferrata Moroni Viani u kwindi kull rabta mal-primoġenitura ntemmet f'dak l-akkwist forzat li sar mill-gvern. Hu minnu illi l-aħwa Testaferrata Moroni Viani reġgħu irri-akkwistaw parti mill-istess art fl-1985 [*recte*, 1995] però dan ma kienx *in virtù* tal-primoġenitura għalkemm huma daħlu għal kuntratt għax kienu ġà l-proprjetarji sal-1985, iżda għaliex il-gvern ma riedx jutilizza l-art u ried għalhekk jerġa' jittrasferixxi l-art. L-akkwist li sar mill-aħwa Testaferrata Moroni Viani għalkemm ma sarx bi ħlas iżda xorta hemm *quid pro quo* ta' kuntratt aleatorju [*recte*, oneruż] fis-sens li in kambju tar-rinunzja tal-aħwa Testaferrata għad-drittijiet tagħhom għal kumpens għat-trasferiment forzat (tal-1985 li jidher ma kinux għadhom ħadu meta ttieħdet l-art) u għal kull kumpens għal imgħax u danni (li s'intendi kienu dawk għall-okkupazzjoni mill-gvern bejn l-1985 u 1995) huma irriakkwistaw l-art *verso* l-valur pattwit ta' Lm5,500 għaż-żewġ trasferimenti li saru b'saħħa ta' dan it-tpartit.

»Għalkemm il-kuntratt sar in forza tal-fatt li huma kienu fiż-żmien is-sidien tal-art *dato non concesso* bil-provenjenza tal-primoġenitura huma daħlu f'dan il-kuntratt ġdid wara li kienu tilfu l-jedd tagħhom fl-1985. Ma kienx hemm għalhekk kontinwazzjoni tat-titolu jew akkwist li sar in forza ta' titolu preċedenti. Dak it-titolu għal finijiet ta' din il-kawża jitqies li kien ġej mill-primoġenitura ġie stronkat meta l-gvern sar il-proprjetarju tal-art u reġa' ġie akkwistat mill-ġdid għax il-gvern ried jassenja lura parti mill-istess art, u s-sidien preċedenti riedu jerġgħu jirriakkwistaw b'korrispettiv ta' valur.

»F'dan il-każ għalhekk din il-qorti ma tqisx li l-legat jista' jinkludi din il-biċċa art bħala dak li ġej mill-primoġenitura għax fl-1985 ma baqax jifforma parti mill-primoġenitura għax ġie trasferit lill-Gvern ta' Malta. Kwindi l-qorti tqis li l-legat ma jinkludix din l-art fil-Mosta.

»Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk din il-qorti qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn hu kompatibbli ma' dak hawn deċiż u tilqa' t-talba attriċi limitatament għall-[Art tal-Mosta] billi tiddikjara li *dato non concesso* li kien hemm primoġenitura din ma tifformax parti mil-legat ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani fi klawsola 2 u 3 fit-testment tagħha tas-6 ta' Lulju 2007 però tiċħad it-talba attriċi u tiddikjara li

[*Bendigo*] tifforma parti mill-legat tal-istess testatriċi fi klawsola 2 u 3 tat-testment tagħha tas-6 ta' Lulju 2007 *dato non concesso* li kien hemm primoġenitura.

»L-ispejjeż jitħallsu nofs mill-attriċi u kwart bejn il-konvenuti Preziosi u Spiteri Debono u kwart bejn il-konvenuti l-oħra.«

6. L-attriċi appellat, b'rikors tat-30 ta' Lulju 2012, mill-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talba tagħha dwar *Bendigo* u l-konvenuti Testaferrata Moroni Viani appellaw, b'rikors tal-1 t'Awissu 2012, mill-parti tas-sentenza li laqgħet it-talba dwar l-Art tal-Mosta. Għall-appell tal-attriċi l-konvenuti Testaferrata Moroni Viani wieġbu fit-13 t'Awissu 2012 u l-attriċi wieġbet għall-appell tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani fl-24 t'Awissu 2012. Il-konvenuti Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono wieġbu fit-8 t'Awissu 2012 illi "huma jirrimettu ruħhom" għall-ġudizzju tal-qorti b'dan li ma għandhomx ibatu spejjeż.

7. L-aggravju tal-attriċi dwar *Bendigo* ġie mfisser hekk:

»Illi kif jirriżulta mid-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti fir-rigward tal-[Art tal-Mosta] hija ġustament għarfet illi ġaladarba li din il-proprjetà saret tal-gvern permezz ta' titolu naxxenti direttament minn liġi, minn dak il-mument kellu jitqies li l-proprjetà ma baqgħetx aktar ta' l-aħwa Testaferrata Moroni Viani u kien f'dak il-mument li r-rabta mal-primoġenitura intemmet f'dak l-akkwist forzat li sar mill-gvern. L-istess argument kellu jiġi applikat fir-rigward tal-proprjetà [*Bendigo*]. Din il-proprjetà nbniet fuq parti minn art akbar li oriġinarjament kienet tappartjeni lill-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u kien hu stess li, b'titolu *inter vivos*, iddispona minn din l-art billi kkonċedieha lil terzi taħt titolu ta' ċens perpetwu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Chappelle tad-29 ta' Settembru 1926. Kien għalhekk l-istess Baruni Testaferrata Moroni Viani li volontarjament għadda l-pussess f'idejn terzi u f'dak il-mument hu stess temm kwalunwke rabta li l-primoġenitura kellha ma din il-proprjetà.

»Fil-fatt fil-5 ta' Mejju 1950 meta daħal fis-seħħ l-Att Dwar il-Ħelsien mill-Vinkolu ta' Ġid Marbut b'Fedekommess (Kap. 130 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll fil-mument tal-mewt tal-istess Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li seħħet fit-18 ta' Marzu 1954, din il-proprjetà kienet għadha tappartjeni lil terzi taħt titolu ta' ċens perpetwu. Fil-mument li l-primoġenitura ġiet abolita permezz tal-Att hawn imsemmi Pietro Paolo Testferrata Moroni Viani kellu biss id-dritt li bħala direttarju jerċievi l-ħlas taċ-ċens relattiv, iżda l-*utile* ta' din id-dar ma kienx jappartjeni lilu. … … …

»L-appellanti tirrileva bir-rispett li l-ewwel onorabbli qorti ma kinetx korretta meta assimilat id-dritt ta' rkupru rriżervat mil-liġi favur il-padrun dirett (qabel ma ġie abolit l-istitut tal-irkupru legali) mat-titolu nnifsu fuq il-proprjetà partikolari li dwarha gie riżervat dan il-jedd. Hija rraġunat illi *stante* li d-dritt ta' rkupru twieled fiż-żmien meta l-primoġenitura kienet għadha teżisti, allura l-proprjetà li ġiet irkuprata kienet tifforma parti mill-istess anke jekk f'dak iż-żmien kienet ilha li ġiet abolita disa' snin sħaħ. Dan m'huwiex korrett.

»Id-dritt mogħti mil-liġi li jippermetti li jsir l-irkupru huwa fakultattiv u sakemm ma ssirx iċ-ċedola relativa ta' rkupru, it-titolu tal-proprjetà kolpita b'dan id-dritt tibqa' tappartjeni lil dik il-persuna li legalment għandha t-titolu reġistrat f'isimha permezz ta' att pubbliku debitament insinwat. Kienet għalhekk il-preżentata tal-att ġudizjarju fil-forma meħtieġa, *cioè* dik taċ-ċedola, kif ukoll il-kontestwali depożitu tas-somma ta' elf u ħames mitt Lira (£1,500) li sar permezz tal-istess ċedola, li reġa' kkreja jedd ta' proprjetà fuq l-utile dominju tal-proprjetà in kwisdoni fil-konfront tal-aħwa Testafenata Moroni Viani. L-appellanti tirreferi bir-rispett lil din l-onorabbli qorti għat-test taċ-ċedola in kwistjoni li fost affarijiet oħra tispeċifika li:

> »"L-esponenti jiddikjaraw li l-imsemmrja somma ġiet maħruġa mill-esponenti fil-proporzjoni fuq imsemmija tal-proprjetà tagħhom tad-dirett dominju u li l-fond irkuprat għandu sussegwentement jappartjeni lilhom fl-istess proporzjoni."

»Kienu l-istess aħwa Testaferrata Moroni Viani li għarfu li kien il-ħlas kif minnhom magħmul, u fil-kwoti minnhom magħmul, li assenja lil kull wieħed il-proporzjoni fl-utile dominju, liema proporzjon *in vista* tal-ħlas kif magħmul, kien ekwivalenti għal dak il-proporzjon tal-proprjetà tagħhom tad-dirett dominju. Kieku dak asserit mill-ewwel onorabbli qorti kien korrett, u *cioè* li d-dritt ta' rkupru stess huwa dak li jagħti t-titolu, kieku l-aħwa Testaferrata Moroni Viani ma kienx jenħtiġilhom li jispeċifikaw il-porzjonijiet li fihom huma kienu qegħdin jakkwistaw il-fond irkuprat għaliex awtomatikament kien ikun ekwivalenti għal porzjonijiet minnhom ġà miżmuma tad-dirett.

»*Inoltre*, il-ħlas stess għandu sinjifikat importanti fil-kuntest tal-kawża odjerna, għaliex permezz tiegħu jirriżulta li l-kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani akkwistat is-sehem tagħha direttament bi flusha u s-sehem indiviż daħal fil-pussess tagħha direttament. Mingħajr il-kontribut li l-kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani għamlet hi mill-fondi personali tagħha, l-irkupru ma setax iseħħ u allura ma teżistix triq oħra ħlief li wieħed jikkonkludi li daqs kemm il-ħlas kien ġej minn fondi appartenenti lilha personalment hekk ukoll it-titolu li hi akkwistat favur tagħha bi flusha daħal fil-pussess tagħha u mhux tal-primoġenitura.

»Fis-27 ta' Ġunju 1959, meta seħħ l-irkupru permezz taċ-ċedola fuq ċitata, il-primoġenitura ġà kienet abolita u għalhekk qatt ma seta' jkun li l-*utile* jerġa' jifforma parti mill-istess. L-aħwa Testaferrata Moroni Viani akkwistaw f'isimhom personali direttament u mhux b'konsegwenza ta' wirt minn għand Pietro Paolo Testferrata Moroni Viani.

»L-ewwel onorabbli qorti kienet ukoll żbaljata meta hija għamlet paragun bejn il-każ odjern u l-każ ta' rkupru li jsir minn mara miżżewġa dwar assi appartenenti lilha b'mod parafernali. Il-paragun m'huwiex ġust *stante* li fil-każ ta' mara miżżewġa li tkun irkuprat f'ħajjitha, l-assi

parafernali tagħha jkunu għadhom u jibqgħu eżistenti u akkwisti ġodda jkunu kapaċi li jiġu klassifikati *sia* parafernali kemm bħala formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti skond il-provvedimenti tal-liġi. Mill-banda l-oħra, fil-każ hawn in eżami, akkwisti ġodda magħmula mill-aħwa testaferrata Moroni Viani qatt ma setgħu jiġu klassifikati bħala primoġenjali proprju għaliex il-fedekommess ġie abbolit kif aktar 'il fuq spjegat.

»Illi *in vista* ta' dak kollu hawn fuq espost, l-appellanti hija wkoll tal-fehma li hija ma kellha tiġi kkundannata tħallas l-ebda parti mill-ispejjeż tal-kawża odjerna u minflok għandhom ikunu l-konvenuti li jiġu kkundannati li jħallsu l-ispejjeż kollha, kemm dawk relattivi għall-prim'istanza kif ukoll dawk relativi għal preżenti appell.«

8. Il-konvenuti Testaferrata Moroni Viani fit-tweġiba tagħhom elaboraw fuq l-argument tal-ewwel qorti illi, ladarba l-*utile dominium* ġie rkuprat bis-saħħa tas-setgħa inerenti fid-*directum dominium*, u d-*directum dominium* kien imdaħħal fil-primoġenitura, mela l-proprjetà sħiħa, meta konsolidata bis-saħħa tal-irkupru, għandha titqies imdaħħla fil-primoġenitura.

9. Iżidu jgħidu wkoll illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti tirrifletti r-rieda tat-Testatriċi:

»… … … testment m'għandux jiġi interpretat *in vacuo* imma b'mod illi jwassal għall-intenzjoni u x-xewqa tat-testatrici. Wieħed għalhekk m'għandux jissofferma ruħu purament fuq kunsiderazzjonijiet tekniċi u legali iżda wkoll u anzi prinċipalment fuq dak li riedet tfisser it-testatriċi bit-testment tagħha. Meta, kif kultant jiġri, jista' jkun hemm xi dubbju dwar is-sinjifikat ta' disposizzjonijiet testamentarji, allura dina l-volontà tista' tigi stabbilita mhux biss billi wieħed iħares lejri il-kelma miktuba fit-testment imma lejn ċirkostanzi oħra li jistgħu jitfgħu dawl biex tiġi kjarifikata l-intenzjoni.

»F'dan il-każ, huwa ċar illi minkejja l-abolizzjoni tal-primoġenituri fl-1950, il-kompjanta Beatrice, li kienet bniedma tradizzjonali ġejja minn familja nobbli, baqgħet tuża r-referenza għall-primoġenituri biex tident-ifika l-proprjetajiet tagħha u kien għalhekk illi aktar minn 57 sena wara l-abolizzjoni tal-primoġenituri hi wżat proprju t-terminu *primogenitures previously held by Pietro Paolo*. Fid-dawl ta' dan kollu u minn qari tat-testment tat-testatriċi jsegwi li hija riedet li dak kollu kien primoġenali miżmum minn missierha Pietro Paolo u li kien qabel f'idejn missierha fil-mument tal-mewt tagħha, kellu jiġi inkluż fil-legat imsemmi.

»Ma nġabet ebda prova mill-appellanti illi Beatrice kienet tqis il-*Villa Bendigo* bħala mhux provenjenti mill-primoġenitura. Fi kliem ieħor, ma

ngħabet l-ebda prova intiża biex teskludi l-presunzjoni legali favur il-konsolidazzjoni.

»Huwa wkoll sinifikanti li t-testatriċi użat terminoloġija ċara fit-testment tagħha liema terminologija twassal għall-konvinċiment legali li dak kollu li kienet tippossjedi li kien ġej mill-primoġenituri Testaferreta, kienet tippossjedi fi kwoti li ma ġewx varjati. L-attriċi appellata kienet tkun korretta teskludi din il-proprjetà mil-legat *de quo* kieku fiċ-ċedola ta' rkupru ma ġietx repetuta l-istess kwota eżistenti primoġenjali. Għalhekk b'mod sempliċi ħafna wieħed jista' jikkonkludi li l-assi primoġenjali f'għajnejn it-testatriċi huma dawk fejn hi kienet tqis li għandha ottav sehem flimkien ma' ħutha kif fuq kollox iddikjarat fit-testment tagħha.

«Illi jsegwi illi kien jispetta lill-attriċi appellanta li tipprova li f'għajnejn it-testatriċi u mill-*punto di vista* tagħha, bl-irkupru tal-1959 hija akkwistat xi proprjetà illi ma kinitx tagħmel parti mill-primoġenitura. Din il-posizzjoni ma ġiet ippruvata bl-ebda mod mill-attriċi u, għall-kuntrarju, hija manifestament kontradetta mill-provi mressqa.«

10. Huwa ovvju, fil-fehma tal-qorti, illi meta t-testatriċi ħalliet b'legat "*her … share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani*" ma kinitx qiegħda tħalli b'legat il-primoġenitura nfisha (kemm għax primoġenitura, min-natura stess tagħha, ma titħalliex b'legat u kemm għax meta sar it-testment il-primoġenituri kienu soppressi) iżda l-beni li kienu mdaħħla fil-primo-ġenitura. Il-"primoġenitura" għalhekk hija biss mod kif it-testatriċi tid-deskrivi l-beni illi riedet tħalli lil-legatarji. Il-kwistjoni għalhekk essenz-jalment, aktar milli l-i*status* legali tal-proprjetà, hija x'riedet tifhem l-attriċi bil-beni tal-primoġenitura jew liema beni kienu, fil-fehma tat-testatriċi, imdaħħla fil-primoġenitura.

11. Il-qorti taqbel mal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani illi r-rieda tat-Testatriċi kienet illi tqis il-beni tal-primoġenitura bħala *quid unum* li jiġbor fih il-beni provenjenti mill-primoġenitura bla ma tqis id-dettalji tal-*iter* legali tal-proprjetajiet. Effettivament xtaqet li, safejn tippermetti

l-liġi llum, dawn il-beni jibqgħu *quid unum* billi jibqgħu jintirtu flimkien, għalkemm mhux mill-ewwel wild. Fost dawn il-beni hemm il-proprjetà sħiħa ta' *Bendigo*, kemm għax din kienet fi żmien – *previously* – imdaħħla fil-primoġenitura u wkoll għax, kif irraġunat l-ewwel qorti, l-*utile dominium* reġa' ddaħħal bis-saħħa ta' setgħa dak iż-żmien inerenti fid-*directum dominium* li dejjem baqa' fil-primoġenitura.

12. Għandu jingħad ukoll illi dan il-legat ma jintlaqatx bl-art. 743(1) tal-Kodiċi Ċivili[1]. It-Testatriċi ma aljenatx il-proprjetà wara li għamlet it-testment biex reġgħet kisbitha wara: meta għamlet it-testment it-Testatriċi ġà kellha *f'Bendigo* is-sehem li baqa' tagħha sa mewtha.

13. Billi għalhekk fil-fehma tal-qorti l-intenzjoni tal-attriċi kienet li l-legat kellu jolqot il-proprjetà li kienet fi żmien imdaħħla fil-primoġenitura, l-aggravju tal-attriċi huwa miċħud.

14. Ngħaddu issa għall-appell tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani dwar l-Art tal-Mosta. Il-konvenuti appellanti ressqu żewġ aggravji:

> »L-ewwelnett għaliex l-esproprjazzjoni u r-radd lura tal-art in kwestjoni ma biddlitx il-provenjenza primoġenjali tal-proprjetà in kwestjoni (L-Ewwel Aggravju)
>
> »It-tieninett, għaliex … … … il-qorti issoffermat ruħha fuq kwestjonijiet purament legali meta dak li huwa essenzjali huwa li wieħed iħares lejn l-intenzjoni u x-xewqa tat-testatrici kif espressi fit-testment (it-Tieni Aggravju).«

15. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

---

[1] **743.** (1) Kull trasferiment li t-testatur jagħmel tal-ħaġa kollha mħollija legat jew ta' biċċa minnha, ukoll jekk b'bejgħ bil-jedd ta' rkupru, jew bi tpartit, iġib it-tħassir tal-legat dwar il-ħaġa ttrasferita, għalkemm dan it-trasferiment ikun null, jew fittizju, jew għalkemm il-ħaġa nfisha terġa' tidħol fil-pussess tat-testatur.

»… … … huwa minnu li din l-art [tal-Mosta] saret proprjetà tal-gvern fl-1985; madankollu huwa daqstant ieħor veru li fil-kuntratt tal-1995 il-partijiet kienu obbligati jqisu *b'fictio* konvenzjonali li dik l-istess art qatt ma għaddiet għand il-gvern. Effettivament u kuntrattwalment, fis-sena 2007, il-kompjanta Beatrice kienet obbligata tqis l-art mhux bħala provenjenti mill-kuntratt tal-1995 imma mill-provenjenza li kienet għadha viġenti sas-sena 1985. Dan ifiser li ż-żewġ inċidenti li ġraw fl-Lulju 1985 (data tal-esproprju taħt l-Att I tal-1983) u f'Ġunju 1995 (data tat-tpartit għall-*jeddijiet għall-kumpens* kontemplati mill-istess Att I tal-1983) ġew meqjusa mill-kompjanta Beatrice, mill-familja tagħha u sa-ħansitra anki l-Gvern ta' Malta bħala li qatt ma ġraw. Għalhekk isegwi li meta Beatrice kitbet il-legati in kwistjoni, [l-Art tal-Mosta] kienet (fil-kuntest tal-legati in kwistjoni) provenjenti minn primoġenitura "*previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani which devolved as to Salvino* $^{5}/_{8}$" *et cetera*. Għalhekk isegwi li anki [l-Art tal-Mosta] għandha minn kull aspett tiġi kunsidrata bħala provenienti mill-primoġenitura relativa.«

16. It-tieni aggravju, dwar interpretazzjoni tar-rieda tat-Testatriċi, iressaq l-istess argumenti mressqa mill-konvenuti appellanti fit-tweġiba tagħhom għal-appell tal-attriċi.

17. L-attriċi wieġbet għall-ewwel aggravju hekk:

»Il-konvenuti … … … jippretendu li bil-kuntratt tal-1995 is-sidien esproprjati tqiegħdu eżattament fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma saret l-esproprjazzjoni u effettivament annulla l-esproprjazzjoni li laqtet l-art in kwistjoni. Huma jkomplu jżidu li r-rexxissjoni hija annullament u per konsegwenza tipproduċi l-effetti kollha li jirriżultaw mill-annullament, fosthom dak li tirrimetti kollox fl-istat ta' qabel. Iżda … ma seħħet l-ebda rexxissjoni tal-esproprju u fuq kollox il-konvenuti fl-ebda waqt ma seħħilhom li jqiegħdu lilhom innifishom fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma seħħ l-esproprju.

»Kienu l-istess appellanti li osservaw kif skond l-imsemmi kuntratt l-akkwirenti obbligaw ruħhom li, f'każ illi jirriżulta li fuq l-art in kwistjoni kienu jeżistu xi drittijiet jew piżijiet li ma ġewx kostitwiti permezz tal-att, huma jersqu fuq kuntratt pubbliku mal-persuna proprjetarja ta' dawn id-drittijiet jew piżijiet sabiex l-istess drittijiet u/jew piżijiet jiġu kostitwiti. Dan jagħti konferma lit-teżi tal-appellata li l-effetti tal-esproprjazzjoni ma ġewx annullati u dan billi kieku verament seħħet ir-rexxissjoni tal-esproprjazzjoni, kollox kien imur lura għall-istat oriġinali tiegħu u kwalunwke drittijiet jew piżijiet li jinkombu fuq l-art kienu jerġgħu jirreintegraw ruħhom awtomatikament. Mentri fil-każ odjern bil-fors kien jenħtieġ li tali drittijiet jew piżijiet riedu jiġu krejati mill-ġdid għaliex mal-esproprjazzjoni dawn ġew estinti u ma kien hemm l-ebda mod ieħor kif dawn jerġgħu jorbtu lis-sidien il-ġodda ħlief billi l-istess sidien jidhru fuq kuntratt pubbliku u jikkostitwuhom mill-ġdid.

»… … …

»Huwa evidenti għalhekk li l-art in kwistjoni ġiet akkwistata mit-testatriċi direttament mingħand il-Gvern ta' Malta. Huwa minnu li din originarjament wirtitha mingħand missierha imma wara dan il-wirt hija ttrasferiet sehemha minn din l-art billi din kienet ġiet esproprijata u wara reġgħet ġiet akkwistata permezz tal kuntratt ta' permuta. Għalhekk l-art in kwistjoni ma ppervenietx għand it-testatriċi direttament mill-wirt imma pperveniet mill-kuntratt ta' akkwist. U bl-istess mod ma setgħet tkun tifforma parti minn l-ebda primoġenitura għaliex akkwistata fil-1995.

»It-testatriċi inkludiet fil-legat dawk il-proprjetajiet formanti parti mill-primoġenitura u li l-ottava tagħhom ġie għanda direttament mill-wirt ta' missierha. Fil-każ ta' din l-art dak l-ottava hija akkwistatu bil-kuntratt tal-1995, u tant huwa hekk li fuq dak il-kuntratt ta' akkwist dehru anke in-nisa ta' ħutha li ċertament ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-wirt ta' missierhom, u t-titolu ġie reġistrat fuq l-aħwa u n-nisa ta' ħutha. Dan is-sehem ta' din il-proprjetà fid-data tal-mewt tagħha kien fil-pussess tagħha b'riżultat tal-akkwist bil-kuntratt tal-1995 u mhux b'riżultat tal-wirt u għallhekk ma jaqax evidentement fil-parametri tal-laxxitu.«

18. U għat-tieni aggravju wieġbet hekk:

»Fiż-żewġ artikoli l-kliem importanti fejn hemm id-definizzjoni tal-konsistenza tal-legat huwa identiku u huwa dak il-kliem li jrid jingħata sinjifikat b'din il-kawża. Il-kliem rilevanti huwa li t-testatriċi ħalliet sehem mis-sehem tagħha *cioè* "*one eighth undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eighths share by his son Salvino, one eighth by Maria Testaferrata Bonici, one eighth by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth by the testatrix*". Għallhekk huwa ċar li s-sehem li hija kienet qiegħda tħalli f'dawn il-legati kien sehem mis-sehem ta' proprjetà li pperveniet lilha mill-wirt ta' missierha l-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u mhux minn provenjenza oħra.

»… … …

»L-appellanti fil-fatt qegħdin jipprovaw iwessgħu it-tifsira tal-laxxitu in eżami sabiex b'hekk ikunu jistgħu jinkludu fil-legat in eżami proprjetà li bi kliem stess it-testatriċi ġiet eskluża, ħaġa li m'għandhiex tiġi permessa fid-dawl ta' dak kollu hawn spjegat u t-tagħlim tal-qrati tagħna fuq ċitat. Kienet fil-fatt korretta l-ewwel onorabbli qorti li straħet unikament fuq dak espress b'mod ċar mit-testatriċi u għaddiet sabiex tara jekk l-art in kwistjoni kinetx jew la tifforma parti mill-primoġenitura u dan billi l-prinċipju fuq spjegat kien jivvjetaha milli tmur *oltre* minn hekk u milli tħares lejn dak li l-appellanti qegħdin jallegaw bħala li kienet l-intenzjoni jew ix-xewqa tat-testatriċi.«

19. Ċertament ma jkunx jirrifletti r-rieda tat-Testatriċi jekk l-intenzjoni tagħha tiġi interpretata fid-dawl ta' jekk il-kuntratt tal-1995 jitqiesx li kien kuntratt ta' akkwist mill-ġdid jew kuntratt ta' rexissjoni b'effetti *ex*

*tunc*; ma jistax realistikament jingħad li dawn kienu fatturi f'moħħha meta fissret ir-rieda tagħha. Fil-fehma tal-qorti għalhekk, aktar milli jekk l-att tal-1995 qegħedx lill-partijiet fl-i*status quo ante* jew kienx akkwist ġdid, li hu relevanti hu jekk it-Testatriċi qisitx l-Art tal-Mosta bħala waħda mill-proprjetajiet li f'xi żmien kienet imdaħħla fil-primo-ġenitura.

20. Għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-appell tal-attriċi, huwa evidenti għal din il-qorti illi t-Testatriċi baqgħet tqis il-proprjetajiet li f'xi żmien – ukoll *previously* – kienu mdaħħla fil-primoġenitura bħala *quid unum* u li għalhekk kellhom jibqgħu jintirtu flimkien ukoll jekk mhux mill-ewwel wild. Il-qorti għalhekk tifhem illi r-rieda tal-attriċi kienet illi anke l-Art tal-Mosta tintlaqat bil-legat.

21. Lanqas dan il-legat ma jintlaqat bl-art. 743(1) tal-Kodiċi Ċivili, kemm għax l-aljenazzjoni kienet forzata u mhux bir-rieda tat-testatriċi – u għalhekk ma hemmx il-presunzjoni *iuris et de iure* li, għax minjeddha aljenat il-proprjetà, mela riedet tħassar il-legat – u kemm għax il-proprjetà kienet fil-patrimonju tat-Testatriċi meta għamlet it-testment u baqgħet hekk sa mewtha.

22. L-appell tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani għalhekk sejjer jintlaqa'.

23. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell tal-attriċi billi tiċħdu u mill-appell tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani billi tilqgħu. Għalhekk tirri-forma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet it-talba tal-

attriċi dwar *Bendigo* u tħassarha fejn laqgħet it-talba tal-attriċi dwar l-art tal-Mosta, u, minflok, tiċħad dik it-talba wkoll.

24. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm taż-żewġ appelli, tħallashom l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df/mb